Minuti laqgħa 15 tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Ħamis, 29 ta'Mejju, 2014 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 13, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- Programm taħt is-sejħa *LIFE* – il-Kunsill qabel li ma ssirx applikazzjoni taħt din is-sejħa.
- Kwestjonarju fuq *training need analysis* maħruġ mid-DLG biex jimtela mill-membri tal-Kunsill kif ukoll mill-istaff.
- Djalogu pubbliku – Għawdex fl-Unjoni Ewropea organizzat mill-MEUSAC, MGOZ u Segretarjat għal-Fondi mill-EU. Is-Sindku u l-Kunsilliera huma mistiedna għal dan id-djalogu pubbliku.
- Sejħa għal-applikazzjonijiet taħt il-programm *Leader* li titratta *landscaping*.
- Memo biex isir *mid-term Audit* kull darba li jkun hemm ċaqliq fis-SE ta' Kunsill – dan isir malli jibda s-Segretarju ġdid.
- Laqgħa mal-Kumitat tal-Valletta 18 mas-Sindku nhar it-3 ta' Ġunju. Is-Sindku se jattendi.
- Laqgħa għal-kunsilliera organizzata mil-AKL nhar it-21 ta' Ġunju – min hu interessat li jattendi għandu jkellem lis-SE.
- *E-mail* mill-Kunsill Lokali Kercem, fejn ilmenta li kiber ħafna ħaxix fi Triq ix-Xlendi 'l isfel mir-residenza ta' Joe Borg, liema triq li tkompli ma' Triq Għajn Tuta f'Ta' Kercem – il-Kunsill qabel li din iż-żona ma taqax fil-konfini tal-Kunsill tal-Fontana.
- Il-Kunsill Lokali Fontana fadallu bilanċ tal-UIF mal-MEPA ta' €467.48
- Ittra b'appell mill-KNPD biex il-Kunsill jagħmel mezz u jirregola l-armar tal-festa biex ma jonqosx l-aċċessibiltà.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

- Il-Kunsill irċieva *accessibiltiy audit report* taċ-ċentru civiku mill-KNPD.
- Niċċa fil-Pjazza Tomba kantuniera ma Triq il-Għajn – il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria irrisponda l-*e-mail* tal-Kunsill tal-Fontana fejn qal li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-konfini iżda jaqbel li n-niċċa tiġi rrestawrata mill-Kunsill tal-Fontana. Il-Kunsill qabbad lis-SE biex tirrispondi din l-*e-mail* fejn jiġi ċċarat il-punt li l-konfini mhux l-Kunsill għamilhom iżda ġew mgħoddija mill-Parlament permess tal-liġi tat-twaqqif tal-kunsilli lokali fl-1993.
- Is-Sindku semma li l-MGOZ talab biex ikun hemm 2 rappreżentati tal-Kunsill biex ikunu parti mill-*working group* li ġie ffurmat biex tiġi diskussa l-problema tal-parkeġġ fir-Rabat. Il-Kunsill qabel li dawn ikunu s-Sindku, s-SE kif ukoll Horace Micallef.
- Korrispondenza mill-OASI fejn qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill – *il*-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex issir din il-laqgħa.
- L-Onor Stefan Buontempo, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali ser jagħmel żjara ta' kortesija lil kunsill nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2014 fis- 1.00 pm

## 4. Għoti tal-Offerti

Il-perit John Saliba attenda għal-laqgħa tal-Kunsill, fejn spjega r-rapporti t'evalwazzjoni.

Rigward ix-xogħol tat-tindif fil-Wied tax-Xlendi, huwa ta l-opinjoni li l-irħas offerta m'hix eliġibbli, peress li x-xogħol se jsir minn *sub-contractor* li applika wkoll għal din l-offerta. Fl-offerta ta' Joseph Mizzi, (irħas offerent) huwa ma semma l-ebda *sub-contractor*. Għalhekk, huwa qed jirrakkomanda lis-Sur Joe Cauchi, wara li jiġi ċċarat il-punt li t-tfitxija u l-qbid tal-qabri huwa nkluż fil-prezz. Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-Perit, u qabel li din il-kjarifika tiġi miktuba fuq l-ittra t'aċċettazzjoni tas-Sur Cauchi. Dan ġie konfermat waqt telefonata li saret mis-Sur Cauchi dak il-ħin waqt il-laqgħa tal-kunsill.

Rigward il-moniteraġġ tal-wied tax-Xlendi, fir-rapport il-Perit qed jgħid li l-irħas offerta hi eliġibbli u qed jirrakkomanda lilha.

Il-kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-perit.

## 5. Ħatra tal-Ambaxatur Lokali

Is-SE qalet li tqassmu l-karti bl-applikazzjoni għal-ambaxxatur skont kif miftiehem fil-laqgħa preċidenti iżda ma rċiviet l-ebda applikazzjoni lura. Il-Kunsill qabel li jiġu nfurmati b'dan il-Kumitat tal-Vot 16. Is-SE infurmat lill-preżenti li s-Sinjura Charise Cutajar irringrazzjat lill-Kunsill tal-esperjenza sabiħa li għaddiet minna.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

**6. Risposta tal-management letter**

Il-Kunsill qara r-risposta li ppreparat is-Sjra Johanna Caruana għal-*management letter* tal-awditur fuq is-sena finanzjarja 2013. Il-Kunsill approva din ir-risposta.

**7. Mozzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda din il-mozzjoni:

Il-kunsill għandu jieħu ħsieb li dik il-parti ta' Triq Għar Gerduf li hija sqaq għandu jingħata l-isem ta' Sqaq il-Mitħna ta' Randu kif ukoll il-wesgħa bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu u Triq Għar Gerduf bħala wesgħa s-27 ta' Marzu 1911 bħala tifkira ta' meta twaqqfet il-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu fi (Triq tal-Għajn) il-Fontana.

Il-Kunsill qabel ma din il-mozzjoni.

**8. Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-SE għaddiet ir-rapporti tal-bord tal-għażla. Il-Bord iltaqa' darbtejn. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u qabbad lis-SE biex tinforma lid-Dipartiment.

**9. Customare Care:**

- Is-SE qalet li rċiviet rapport mis-Surgent tal-Pulizija biex issir *pedestrian crossing* quddiem l-Għajn tal-Ħasselin u rraporta li hu periklu ħafna meta jipparkjaw il-*buses* hemmhekk – Il-Kunsill qabel li it-triq hi responsabiltà tal-MGOZ.

**10. Materji oħra:**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg

- Tkisser globu dekorattiv tad-dawl fis-sala tal-komunità waqt li din kienet mikrija lill-Kummisjoni Elettorali Il-Kunsill qabel li jinforma lill-uffiċċju elettorali b'dan il-każ, u jinxtara ieħor.
- Jintalab il-ħlas tal-paga ta' Christine Fenech lid-dipartiment ikkonċernat.
- Biex tingħata l-ikla tal-festa lil anzjani li jgħixu waħedhom.
- Twaħħlet il-grada ħdejn it-taraġ ta' Daħlet ir-Razzett.
- Biex isir tħawwil ta' xtieli fil-qsari tat-toroq Triq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi.
- Intbagħatu ittri reġistrati lil George Sacco u Joe Formosa biex jirregolaw l-affarijiet kif ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti.
- Talba biex isiru sinjali sofor mal-ġnub ta' garaxx ta' Joseph Attard fi Triq l-Isptar San Ġiljan u mal-garaxx ta' Ina Cauchi fi Triq Qalb ta' Ġesu. Il-kunsill qabel li jintalab permess lil Transport Malta.
- Is-Sindku avża lil kunsilliera biex jattendu għall-Pontifikal tal-festa, nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju 2014.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

- Skadiet l-assigurazzjoni fuq l-assi tal-Kunsill Lokali – il-Kunsill qabel li din tiġġedded sal-aħħar ta' Settembru sakemm toħroġ l-offerta .
- Hemm bżonn li terġa toħroġ l-offerta għat-tindif tal-latrina fit-Triq ta' Mulejja peress li dik preżenti tagħlaq fil-bidu ta' Awissu – il-Kunsill qabel.
- Jiġi ordnat bukkett fjuri għal-festa – il-Kunsill approva.
- Tindif tal-festa – Horace Micallef qal li se jieħu ħsieb li l-knis isir mill-Ministeru għal-Għawdex. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn jitqabbad Joseph Mercieca biex isir xi knis.
- Jitwaħlu l-bankijiet u l-bollards fil-Pjazza tal-Għejjun li kienu nqalgħu meta kienet qed tinbena t-tieni fażi tat-Triq tax-Xlendi. Dan peress li baqgħu ma twaħħlux mill-Ministeru għal Għawdex – il-Kunsill qabel li dawn jerġgħu jitwaħħlu mill-Kunsill.
- Hemm bżonn ta' *trimming* fil-*hedge* tal-*playing field*. Il-Kunsill qabel li jiġi mqabbad Neville Mercieca.
- Hemm bżonn li jiġu miżbugħa s-sinjali tat-toroq fit-Triq il-Għajn u fit-Triq l-isptar San Giljan – tintbagħat e-mail lill-MGOZ.
- *Patching* fit-Triq Kappillan Hili – il-Kunsill ddeċieda li dan il-*patching* hemm bżonn li jsir u għalhekk jinġab warden, iżda ma hemmx għalfejn tingħalaq it-triq.
- Is-Sindku qal li t-tarmac il-ġdid li sar mill-MGOZ fit-Triq Santa Dminka ġie jaqleb l-ilma tax-xita fit-Triq l-Isptar San Ġiljan. Dan ikkonfermah hu bix-xita li għamlet fl-24 ta' Mejju. Huwa qal li jekk dan l-ilma jkompli jaqleb għal Triq l-Isptar San Ġiljan ser jkun ta' periklu kbir għar-residenti. Għalhekk għandu jiġi infurmat l-Ministeru għal Għawdex biex kif għadu fiż-żmien opportun, meta issir Triq l-Isptar San Ġiljan, l-ilma jerġa jibda jmur fi Triq Santa Dminka kif ilu isir minn dejjem.
- Suġġeriment biex issir ħarġa għal-Sqallija nhar it-8 ta' Lulju, 2014 – Il-Kunsill qabel.
- Is-Sindku flimkien mal-Perit Ivana Farrugia kellhom laqgħa dwar kif ser isir ir-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fil-bidunett ta' Triq il-Għajn.
- Il-Perit John Saliba kellu laqgħa mal-kuntratturi li ġabu l-offerta dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi.
- Is-Sindku kellu laqgħa mal-Kappillan u l-kumitat organizza dwar Festa Tfal li issir fl-okkażjoni tal-Festa Titulari.
- Is-Sindku informa lil kunsill li għada fil-Qorti quddiem il-Maġistrat Paul Coppini ser jinstema rikors imressaq minn Anthony Cassar biex il-kawża li għamel hu kontra il-Kummisarju tal-artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn fejn hu propost li l-Kunsill ikompli jibni iċ-Ċentru Ċiviku tmur sine die sakemm isiru it-trattativi. Is-Sindku qal lil Kunsill li dawn it-trattattivi jingħad li ilhom isiru madwar sena bejn il-Ministeru għal Għawdex u dak responsabbli mill-artijiet. Huwa qal li il-Kunsill qatt ma ġie infurmat b'xejn u lanqas id-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku qal li il-kunsill għandu jopponi bil-qawwa kollha biex il-kawża ma tmurx sine die u jkompli il-proċess tagħha. Huwa qal ukoll li din il-kawża ilha 9 snin li bdiet. Il-kunsill qabel u għandu jiġi infurmat b'dan l-avukat Jean Paul Grech.



S. Borg

## 11. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-7pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Ġunju, 2014 fit-4.00pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555